MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2008

Numru 145/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**

**Versus**

**Andrew Cassar**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Andrew Cassar ta’ 22 sena mwieled fit-13 ta’ Lulju 1985 il-Pieta’ bin Michelangelo u Agnes nee Micallef u residenti f’No 1 Casa Aneg Triq Karlu Maratta Tarxien detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 361785 (M)

Akkużat talli f’dawn il-Gżejjer bejn l-10 ta’ Settembru 2007 u s-17 ta’ Settembru 2007 uża computer jew apparat ieħor biex tidħol f’xi data, software jew dokumentazzjoni ta’ appoġġ li jinżammu f’dak il-computer jew f’xi computer

ieħor jew uża, ikkopja jew immodifika kull data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ bħal dawk;

U aktar talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi għarraq it-tħaddim ta' xi sistema, software jew l-integrita' jew l-affidibilita' ta' xi data

U aktar talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi installa, neħħa, biddel, ikkanċella, qered, varja jew żied ma' xi data, software jew dokumentazzjoni ta' appoġġ;

U aktar talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi mmodifika tagħmir jew provvisti tal-computer li jintużaw jew li huma maħsubin li jintużaw f'xi computer, systems ta' computer jew computer network;

U aktar talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirkostanzi għamel ħsara jew qered xi computer, sistema ta' computer, computer network jew provvisti ta' computer li jintużaw jew huma maħsubin li jintużaw f'si computer, sistema ta' computer jew computer network jew ħassart it-tħaddim ta' xi wieħed minnhom;

U aktar talli fl-istess jum, ħin, lok u ċirksotanzi volontarjament ħassar ħwejjeġ ħaddieħor mobbli jew immobbli liema ħsara hija ta' aktar minn elf lira (€2330)għad-dannu ta' terzi persuni.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid ta' l-imputat li jġib in-numru 3617 ta' l-1985, l-istqarrija ta' l-imputat tat-18 ta' Novembru 2007, il-fedina penali tiegħu, id-dokumenit l-oħra ppreżentati kif ukoll l-ammissjoni ta' l-imputat għal dawn l-imputazzjonijiet magħmula fis-seduta tat-30 ta' Ġunju 2008.

Semgħet ukoll ix-xhieda ta' l-Ispettur Therese Sciberras u tas-sur Fenech Adami dwar il-ħsara li seħħet u l-ammont ta' l-ispejjeż neċessarji li kellhom isiru biex l-azjenda setgħet issewwi l-ħsara.

Semgħet ukoll lid-difiża tagħmel it-trattazzjoni tagħha dwar x'kien wassal għall-aġir ta' l-imputat – b'mod speċjali r-riferenza għal tmiem l-impieg l-imputat li dan ta' l-aħħar ħass li fil-fehma tiegħu ma kienx ġust. Filfatt mill-istqarrija joħroġ dan il-kliem:

***'Jien nixtieq ngħid li jien qatt m'għamilt dawn l-affarijiet. Jien kont irrabjat għax kelli bżonn naħdem u għandi tarbija ġejja fid-dinja u għandi ħafna spejjeż minħabba f'hekk.'***

**Konsiderazzjoni tal-Qorti**

Ġaladarba l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontrih, dawn huma ppruvati skond il-Liġi.

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h), 325(1)(a), 337Ċ(1)(a), 337C(1)(e), 337C(1)(g), 337D(a), 337D(b) u 337F(1) tal-Kap 9 bl-imputazzjonijiet (1), (2), (3)(4) u (6) assorbiti fil-ħames imputazzjoni ai termini ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontrih.

Dwar il-piena, il-Qorti kkonsidrat li l-imputat għamel ammissjoni bikrija iżda ma tarax li l-għamil ta' l-imputa kien ġustifikat. Jekk huwa ħass li t-tkeċċija tiegħu ma kinitx waħda ġusta, allura seta' adixxa t-Tribunal mwaqqaf biex jisma' u jiddeċiedi dwar tali lmenti u mhux iħarbat sistema ta' computers. Ir-Rule of Law titlob li l-kwistjonijiet u kull litigazzjoni jinħallu mill-istituzzjonijiet imwaqqfa apposta u ħadd ma jista' jieħu l-liġi f'idejh.

Il-Qorti, wara li rat l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed tikkundanna lill-imputat għall-piena ta' priġunerija ta' sentejn liema piena għandha tibqa' sospiża għal erba' snin jekk matul dan iż-żmien l-imputat ma jwettaqx xi reat ieħor. Il-Qorti spjegat lill-imputat l-artikolu 28A tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------